



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI
TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT 2016– CT/CA-004/2015MT**

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxa Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-2 ta' Jannar 2014 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-051/2013MT),

Billi:

- (1) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta stima tad-dħul u l-infiq għaċ-Ċentru għas-sena finanzjarja segwenti abbażi tal-abbozz imfejji mid-Direttur;
- (2) Iċ-Ċentru għandu jgħaddi l-abbozz finali tal-stima tad-dħul u l-infiq tiegħu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu kull sena;

ADOTTA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz preliminari tal-baġit 2016 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Marzu 2015,

Għall-Bord tal-Amministrazzjoni,

R. Martikonis

President 

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2016



Bord ta' Amministrazzjoni

ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT 2016

CT/CA-004/2015MT

WERREJ

- I. INTRODUZZJONI
 - A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
 - B. PREZZIJET 2016
 - C. DĦUL
 - D. INFIQ
 - E. ATTIVITAJIET
 - II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI
 - III. DIKJARAZZJONI TA' DĦUL 2016
 - IV. DIKJARAZZJONI TA' NFIQ 2016
- ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2016 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali.
- B. Deskrizzjoni tal-prezzijiet taċ-Ċentru għas-sena 2016.
- C. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi li ċ-Ċentru jaħdem għalihom, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom sar qbil dwar kollaborazzjoni bħala kumpens għal xogħol magħmul minnu, inklużi attivitajiet interistituzzjonali, u sussidju mill-Unjoni Ewropea.
- D. L-infiq taċ-Ċentru, imqassam skont it-titolu; u
- E. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn l-abbozz preliminari tal-baġit għall-2016 u l-programm ta' ħidma preliminari għall-2016, billi tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Dan jindirizza wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

Il-baġit għall-2016 tħejja skont is-suppożizzjoni li se jsejtn proġett għad-Direttorat-Ġenerali Ġustizzja u Konsumaturi tal-Kummissjoni. Iċ-Ċentru u l-Kummissjoni għadhom ma ffirmawx il-ftehim għal dan il-proġett ('il-proġett ODR') Madankollu, f'termini ta' volum ta' xogħol, reklutaġġ ta' persunal, dħul u spejjeż, il-proġett huwa tant kbir li ċ-Ċentru jħoss li huwa rilevanti li jinkludi l-previżzjoni attwali f'dan il-baġit.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'ewro.

B. PREZZIJET 2016

Il-prezzijiet proposti għall-2016 jibqgħu l-istess bħal fl-2015 u jirriflettu t-tnaqqis fil-prezzijiet fl-2014 u l-2015. Bħas-soltu, iċ-Ċentru se jagħmel analiżi tal-ispejjeż għal sitt xhur f'Lulju 2015, qabel ir-rieżami tal-previżjonijiet għall-2016, li mistenni jsir f'Awwissu 2015.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezzijiet proviżorji applikabbli fl-2016:

| Servizz offrut | Normali (EUR) | Skedat/Bil-mod (EUR) | Urġenti (EUR) | Urġenti ħafna (EUR) |
|---|---|---------------------------------|--------------------------|--------------------------------|
| Traduzzjoni (prezz għal kull paġna) | 82.00 | 73.80 | 102.50 | 147.60 |
| Modifika (prezz għal kull paġna) | 172.00 | 154.80 | 215.00 | |
| Reviżjoni (prezz għal kull paġna) | 60.00 | 54.00 | 75.00 | |
| Editjar (prezz għal kull paġna) | 45.00 | 40.50 | 56.20 | |
| Marki kummerċjali (prezz għal kull paġna) | EUR 34.32 għal 454 641 paġna (arranġament bilaterali) | | | |
| Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu) | | EUR 4.00 | | |
| Listi ta' termini (prezz għal kull terminu) | | EUR 4.00 | | |

| | |
|---|--|
| Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu) | EUR 2.50 |
| Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum) | EUR 900 |
| Konsultazzjoni lingwistika (prezz għal kull persuna/jum) | Maqbul għal kull proġett, f'kooperazzjoni mal-klijent. |
| Verifika tal-kwalità <i>ex post</i> (EPOC) għat-traduzzjoni tal-marki kummerċjali Komunitarji (prezz għal kull persuna/jum) | 50% tal-ispejjeż kollha, arranġament bilaterali. |
| Sottotitolaġġ (prezz għal kull minuta) | EUR 41.00 |

Sovraimposti

| Tip ta' dokument | EUR |
|---|-------|
| Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna) | 15.00 |
| Format PDF (prezz addizzjonali għal kull paġna) | 12.00 |
| Kunfidenzjali (prezz addizzjonali għal kull paġna) | 20.00 |
| Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna) | 10.00 |
| Dokument mtella' fuq l-internet (prezz addizzjonali għal kull dokument) | 10.00 |

C. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2016 huwa ta' EUR 52.9 miljun, b'EUR 47.6 miljun fit-Titoli 1-4. Id-dħul huwa mqassam kif ġej:


| Titolu | Dħul (EUR) |
|---|------------|
| 1. Aġenziji u korpi | 41 247 800 |
| 3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej) | 6 059 600 |
| 4. Dħul ieħor | 323 250 |
| 5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti | 5 269 150 |

Bħal fis-snin preċedenti, il-klijenti taċ-Ċentru ġew mitluba jipprovdu l-estimi tagħhom għall-abbozz preliminari tal-baġit għall-2016. Dawn il-previżjonijiet kienu bbażati fuq il-prezzijiet għall-2015, approvati mill-Bord tal-Amministrazzjoni. Abbażi tal-informazzjoni tal-klijenti, id-dħul previst fit-Titoli 1 u 3 huwa EUR 47.3 miljuni, żieda ta' EUR 4.3 miljuni (+9.9%) meta mqabbla mal-previżjoni għall-2015. Dan huwa spjegat mill-proġett ODR, li għalih ġie previst id-dħul ta' EUR 2.8 miljun u inkluż fil-Partita 3000 ('Kummissjoni Ewropea'), u ż-żieda ta' EUR 1.5 miljun fil-previżjoni għal dokumenti mill-UASI (Partita 1005). Meta mqabbla mal-eżitu għall-2014, iż-żieda fit-Titoli 1-3 hija biss EUR 0.5 miljun (+1.1). Dan

huwa minħabba li d-dħul għoli mill-proġett ODR fl-2016 huwa kkompensat bi previżjonijiet mnaqqa minn xi numru ta' klijenti, jiġifieri I-marki kummerċjali tal-UASI (EUR – 2.4 miljun), I-ECHA (EUR – 1.0 miljun), I-EASA (EUR – 0.8 miljun) u I-EASO (EUR – 0.7 miljun). Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-prezzijiet f'nofs l-2014 u l-2015 jikkontribwixxi wkoll biex ibaxxi d-dħul. Għandu jingħad li 24 klijent ma pprovdewx previżjoni għall-2016. Għal dawk il-klijenti, l-ammont inkluż fil-baġit għall-2015 ġie inkluż fl-abbozz preliminari tal-baġit għall-2016.

Fit-Titolu 3, il-partita tal-baġit għall-kooperazzjoni interistituzzjonali (Partita 3002) żdiedet b'EUR 96 600, biex tirrifletti r-rinfurzar ipplanat għall-IATE u l-EurTerm. Din iż-żieda hija mqabbla b'żieda fl-infiq taċ-Ċentru għall-ospitar tal-IATE (partita 3100 fl-infiq).

Tabella 1 - Dħul imqassam għal kull titolu u sena, 2014-2016 (Titoli 1, 3 u 4)



Minbarra d-dħul mingħand il-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru ppreveda dħul ieħor fit-Titolu 4 fil-forma ta' mgħax bankarju u kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu bħala sostenn għall-ispejjeż tal-kiri taċ-Ċentru.

Fl-abbozz preliminari tal-baġit għall-2016, iċ-Ċentru uża l-possibbiltà ta' trasferiment għad-dħul tar-riżorsi minn żewġ fondi ta' riżerva maħluqa fis-snin preċedenti. Il-baġit jinkludi EUR 709 000 fi dħul fil-forma ta' trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' (Partita 5010. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-infiq previst għall-programm CdT elettroniku fl-2016, irreġistrat f'Kapitolu 32. Barra minn hekk, iċ-Ċentru ttrasferixxa għall-parti tad-dħul tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' imwaqqaf fl-2011, jiġifieri EUR 4 560 150 (Partita 5015). Dan it-trasferiment jibbilanċja l-baġit u jippermetti li iċ-Ċentru biex joffri lill-klijenti tiegħu prezzijiet mhux mibdula kif ukoll inaqqas l-eċċess baġitarju, filwaqt li jkompli jipprovdi servizzi ta' kwalità għolja u jissodisfa l-obbligi regolatorji kollha.


Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-taqsimha E, "Attivitajiet", u l-parti III, "Dikjarazzjoni tad-dħul 2016".

D. INFIQ

L-infiq previst taċ-Ċentru għat-Titoli 1-3 żdied b'5.0% meta mqabbel mal-baġit għall-2015¹, u b'16.6% meta mqabbel mal-eżitu għall-2014. Iż-żieda kollha tinsab fit-Titoli 1 u 3, filwaqt li t-Titolu 2 tnaqqas b'1.3%. Ir-raġuni prinċipali għaż-żieda hija l-proġett ODR ippjanat. Jekk jiġi attwat, iċ-Ċentru se jkun jeħtieġ jirrekluta persunal addizzjonali minħabba l-proġett, kif ukoll jipprovdi spazju għall-uffiċċji u tagħmir meħtieġ. Naturalment, il-proġett se jkollu wkoll impatt fuq il-baġit għall-esternilizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni. Il-baġit għall-2015 diġà jinkludi baġit għall-ispazju addizzjonali, inkluż l-arredament.

Flarsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, inkluż paragun mal-baġit għall-2015 u l-eżitu għall-2014, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 2 - Dħul imqassam għal kull titolu u sena, 2014-2016 (Titoli 1, 2, 3 u 10)*



*Titolu 1, 'Persunal'; Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv varju'; Titolu 3, 'Infiq operattiv'; u Titolu 10 'Fondi ta' riżerva'.

Titolu 1, PERSUNAL

Il-baġit għal Titolu 1 huwa 5.9% għola minn dak għall-2015, żieda ta' EUR 1.4 miljun. Ir-raġuni prinċipali għal dan hija l-ħtieġa li jiġi reklutat 11-il membru tal-persunal kuntrattwali għall-proġett ODR. Flimkien mal-Partita 1115, 'Persunal kuntrattwali', minħabba r-reklutaġġ ippjanat kien wkoll meħtieġ li l-baġit jiżdied għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni kif ukoll konċessjonijiet temporanji u ta' darba. Il-baġit jinkludi wkoll aġġustament tas-salarji possibbli ta' 0.9% u jippermetti l-avvanzi ta' gradi biennali fil-gradi u l-promozzjonijiet.

Il-baġit għall-Partiti 1420 u 1630, li jkopru l-parteċipazzjoni taċ-Ċentru fil-Kumitat għall-Attivitajiet Soċjali u ċ-Ċentru għat-Tfal Żgħar Ħafna, żdied b'10% meta mqabbel mal-baġit għall-2015. Iċ-Ċentru għadu ma

¹ Baġit ta' emenda 1/2015

rċevix il-previżjonijiet kompluti mill-Kummissjoni u l-Parlament, u għaldaqstant inkluda marġni għall-aġġustamenti fis-salarji u żidiet possibbli oħra.

Il-baġit huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li t-tabella tal-persunal se timentala fl-2016, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-proporzjon tal-fatturat u l-fatt li membri tal-persunal jistgħu jieħdu liv tal-ġenituri jew liv mhux imħallas matul is-sena. Madankollu, minħabba ż-żmien meħtieġ biex jintlew il-postijiet ta' xogħol battala, u minħabba li ċ-Ċentru jixtieq joffri mobbiltà interna lill-persunal tiegħu, it-tweġġiq proprju jista' jkun xi ftit jew wisq aktar baxx.

Titolu 2, BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU

Il-baġit għat-Titolu 2 tnaqqas b'1.3% meta mqabbel mal-baġit għall-2015, u żdied bi 15.4% meta mqabbel mal-eżitu għall-2014. Ir-raġuni għat-tnaqqis meta mqabbel mal-2015 hija l-infiq ta' darba li ċ-Ċentru ppreveda fl-2015 relatat mal-ispazju addizzjonali li qed jippjana biex jibda jikri fl-2015, bħall-installazzjonijiet ta' sigurtà, l-arredament tal-post, u l-ispejjeż tal-ġarr.

Meta mqabbla mal-2014 iż-żieda hija prinċipalment minħabba l-proġett ODR. Fatturi oħra li jinfluwenzaw il-baġit fl-2016 huma l-aġġustamenti tal-kera għall-bini tal-uffiċċji u ċ-Ċentru tad-Data, u l-ħtieġa għal konsulenza esterna biex jiġu żgurati netwerks u infrastruttura teknika li jiffunzjonaw tajjeb. Għandu jiġi nnotat li ċ-Ċentru għad irid jirċievi informazzjoni dwar l-ispejjeż proprji relatati mal-bini għall-2013, u għaldaqstant għandu għarfien limitat tal-livell possibbli tal-ispejjeż fl-2016.

lċ-Ċentru jirċievi għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu bħala sostenn għall-ispejjeż tal-kiri. Din l-għotja hija rreġistrata bħala dħul, u ma taffettwax l-infiq fit-Titolu 2.

Titolu 3, INFIO OPERATTIV

Il-baġit għat-Titolu 3 żdied b'6.2% meta mqabbel mal-baġit għall-2015, u bi 22.98% meta mqabbel mal-eżitu għall-2014. L-ikbar parti tal-baġit hija għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni (Partita 3000), li għal dan il-baġit iżdied b'7.0%, jiġifieri minn EUR 16 710 000 fl-2015 għal EUR 17 880 000 fl-2016. Iż-żieda hija minħabba l-proġett ODR ġdid għall-Kummissjoni u għall-previżjoni sostanzjalment oġġla għal dokumenti tal-UASI. Madankollu, iż-żieda hija kkompensata parzjalment mill-fatt li ċ-Ċentru naqqas l-estimi tal-ispiża għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni, meta mqabbla mal-ammont stmat fil-baġit għall-2015. Għandu jiġi enfasizzat li l-ispiża proprja għal tali servizzi fl-2016 se tiddependi minn numru ta' fatturi, bħal: bidliet fil-klassifikazzjoni tal-fornituri skont il-kuntratti qafas attwali; il-prezz offrut f'kuntratti qafas futuri, li jiddependi wkoll mill-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi tal-UE; u l-possibbiltà li l-proċess tat-traduzzjoni jiġi awtomatizzat.

Il-previżjoni għall-kooperazzjoni interistituzzjonali żdiedet bi 8.4% meta mqabbla mal-2015, biex tirrifletti r-rinfurzar ta' maniġer tekniku tal-proġett full-time għall-IATE u maniġer tal-kontenut speċjalizzat part-time għall-EurTerm, kif ukoll żidiet oħra għall-kooperazzjoni interistituzzjonali ġestita mill-istituzzjonijiet l-oħra. Iż-żieda fl-ispejjeż għall-proġetti ġestiti miċ-Ċentru hija kkompensata minn żieda fil-partita 3002 tad-dħul, kif imsemmi fit-taqsimha C, 'Dħul'.

It-tielet kapitolu tat-Titolu 3 huwa ddedikat għall-programm CdT elettroniku. Il-baġit għall-2016 tnaqqas b'EUR 709 000 peress li mhux se jkun hemm aktar ħtieġa għal konsulent tal-ġestjoni tad-dokumenti tal-proġett. L-ispejjeż għall-programm CdT elettroniku huma koperti mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni', u d-dħul korrispondenti ddaħħal fil-partita 5010 tad-dħul.

Titolu 10, FONDI TA' RIŻERVA

L-Artikolu 58(2) tar-regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru jiddikjara li l-'Fond permanenti ta' prefinanzjament' taċ-Ċentru jrid ikopri erbġħa minn tnax tal-ispejjeż previsti fit-Titoli 1-3. Għaldaqstant kien meħtieġ li jitwarrab l-ammont ta' EUR 827 900 għal dan il-fond. Dan l-ammont ittieħed mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' u ġie inkluż fil-partita 5015 tad-dħul.

E. ATTIVITAJIET

lċ-Ċentru ddefinixxa erba' attivitajiet: 1) Attività prinċipali: Servizzi lingwistiċi; 2) Attivitajiet ta' sostenn; 3) Attivitajiet ta' esternalizzazzjoni; u 4) Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni. Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2016 huma allokati għad-diversi attivitajiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titolu 1 huma allokati abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titoli 2 huma allokati abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività, minbarra xi spejjeż li huma allokati direttament għal attività. Il-kalkolu jikkunsidra d-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' karigi u gradi, u għaldaqstant spejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma stabbiliti fil-programm ta' ħidma preliminari taċ-Ċentru għall-2016.

| | % tar-riżorsi umani (persunal) | % tar-riżorsi finanzjarji | Riżorsi finanzjarji |
|---|-----------------------------------|------------------------------|------------------------|
| Attività prinċipali: Servizzi lingwistiċi | 65.4% | 75.2% | 39 776 878 |
| Attivitajiet ta' sostenn | 26.0% | 14.5% | 7 658 159 |
| Attivitajiet ta' esternalizzazzjoni | 2.1% | 3.1% | 1 656 858 |
| Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni | 6.5% | 5.6% | 2 980 005 |
| Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10, 'Fondi ta' riżerva', mhux allokati għal attività | | 1.6% | 827 900 |
| Total | 100% | 100% | 52 899 800 |

1: ATTIVITÀ PRINĊIPALI: SERVIZZI LINGWISTIĊI

L-attività operattiva prinċipali taċ-Ċentru hija l-forniment ta' servizzi lingwistiċi, li tikkonsisti prinċipalment mit-traduzzjoni, il-modifika, l-editjar u r-reviżjoni ta' dokumenti, kif ukoll mit-traduzzjoni tal-marki kummerċjali u d-disinji Komunitarji, b'konformità mal-kriterji ta' kwalità maqbula u l-iskadenzi ta' żmien.

Din l-attività tuża 65.4% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 75.2% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha tal-Kapitolu 30 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' din l-attività fit-Titoli 1 u 2.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni u l-listi ta' termini previsti għall-2016 u l-2015, u d-dħul previst. Il-previżjoni tal-volum tat-traduzzjoni, f'numri ta' paġni għal kull klijent, tinsab f'taqsimu III, "Dikjarazzjoni tad-dħul 2016".

| | 2016 | 2015 | % 2016-2015 |
|--|------------|------------|-------------|
| Numru totali ta' paġni previsti* | 831 256 | 769 964 | 8.0% |
| Numru totali ta' listi ta' termini previsti** | 295 020 | 346 700 | -14.9% |
| Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini*** | 46 469 200 | 42 309 400 | 9.8% |

* Inkluż 454 641 paġna ta' marki kummerċjali Komunitarji fl-2016 u 472 638 paġna fl-2015.

** Inklużi l-listi ta' termini u d-disinji Komunitarji. 20 520 tat-termini fl-2016 huma disinji Komunitarji, u 254 500 huma termini oħra mill-UASI.

*** Inkluż dħul li jikkorrispondu għal-listi ta' termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji): EUR 1 100 080 fl-2016 u EUR 1 301 100 fl-2015.

2: ATTIVITAJIET TA' SOSTENN

Minħabba li huwa korp awtonomu tal-UE, iċ-Ċentru għandu jkollu fis-seħħ funzjonijiet ta' sostenn amministrattiv u tekniku għar-riżorsi umani, l-akkwist pubbliku, il-kontabbiltà preċiża u vijabbli, infrastruttur u loġistika, u jipprovdi kwalunkwe sostenn meħtieġ għall-attivitajiet operattivi ewlenin tiegħu.

L-attivitajiet ta' sostenn jużaw 26.0% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsmaw 14.5% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha fil-Kapitolu 32 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet fit-Titoli 1 u 2.

3: ATTIVITAJIET TA' ESTERNALIZZAZZJONI

L-għan tal-attivitajiet ta' esternalizzazzjoni u komunikazzjoni huwa l-promozzjoni taċ-Ċentru u l-proċess tat-traduzzjoni, prinċipalment billi ċ-Ċentru jiġi pproġettat vis-à-vis il-partijiet ikkonċernati esterni tiegħu: klijenti, kumitati interistituzzjonali u internazzjonali, u universitajiet fl-Istati Membri. L-esternalizzazzjoni hija relatata wkoll mat-tieni missjoni taċ-Ċentru – il-parteċipazzjoni f'kooperazzjoni interistituzzjonali billi jikkontribwixxi għar-razzjonalizzazzjoni ta' riżorsi u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri fil-qasam tat-traduzzjoni tal-UE.

Dawn l-attivitajiet jużaw 2.1% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsmaw 3.1% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha tal-Kapitolu 31 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet fit-Titoli 1 u 2.

4: ATTIVITAJIET TA' ĠESTJONI U SUPERVIŻJONI

Il-maniġment taċ-Ċentru jrid jiżgura l-konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE, l-affidabbiltà, il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet tiegħu, l-effikaċja tal-istandards ta' kontroll intern tiegħu, u l-konformità mas-sistema totali ta' ġestjoni tal-kwalità.

Dawn l-attivitajiet jużaw 6.5% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsmaw 5.6% tal-baġit totali, jiġifieri l-proporzjonijiet tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet fit-Titoli 1 u 2.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

| Titolu | Intestatura | Sena finanzjarja 2016 | Sena finanzjarja 2015 | Sena finanzjarja 2014 |
|--------|--|--------------------------|--------------------------|--------------------------|
| | DĦUL | | | |
| 1 | PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI | 41 247 800 | 39 930 700 | 43 891 433 |
| 2 | SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI | p.m. | p.m. | 0 |
| 3 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI | 6 059 600 | 3 120 300 | 2 909 903 |
| 4 | DĦUL IEĦOR | 323 250 | 343 250 | 234 137 |
| 5 | EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI | 5 269 150 | 8 491 250 | 0 |
| 6 | RIFUŻJONIJIET | p.m. | -2 300 000 | 0 |
| | TOTAL | 52 899 800 | 49 585 500 | 47 035 473 |
| | INFIQ | | | |
| 1 | PERSUNAL | 25 686 500 | 24 244 400 | 22 806 382 |
| 2 | BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU | 6 961 400 | 7 052 100 | 6 031 233 |
| 3 | INFIQ OPERATTIV | 19 424 000 | 18 289 000 | 15 805 394 |
| 10 | FONDI TA' RIŻERVA | 827 900 | p.m. | 0 |
| | TOTAL | 52 899 800 | 49 585 500 | 44 643 009 |

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal- baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|---|---|--|----------------------------|-------------------|--|
| DĦUL | | | | | |
| 1000 | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) | 171 300 | 171 300 | 216 608 | 2,062 paġna |
| 1001 | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) | 213 700 | 209 000 | 270 236 | 2,440 paġna |
| 1002 | Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA) | 288 100 | 288 100 | 341 590 | 3,082 paġna |
| 1003 | Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) | 3 844 100 | 3 204 100 | 2 986 396 | 40,635 paġna |
| 1004 | Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) | 699 100 | 699 100 | 640 265 | 8,460 paġna |
| 1005 | Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) | 9 909 300 | 8 361 400 | 9 616 580 | Dokumenti: 83 391 paġna; listi ta' termini: 254 500 terminu; Disinji Komunitarji: 20 520 terminu, Editjar lingwistiku 18 396 paġna |
| 1006 | Marki Kummerċjali tal-UASI | 15 602 100 | 15 998 000 | 18 018 263 | 454,641 paġna |
| 1007 | Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) | 111 800 | 111 800 | 107 333 | 1,363 paġna |
| 1008 | Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) | 224 000 | 240 900 | 210 704 | 2,732 paġna |
| 1009 | Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Flajja u tax-Xogħol (Eurofound) | 456 100 | 462 100 | 692 942 | 5,563 paġna |
| 100 | Artikolu 100 | 31 519 600 | 29 745 800 | 33 100 915 | |
| 1010 | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) | 55 000 | 55 000 | 57 663 | 650 paġna |
| 1012 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) | 1 150 500 | 1 097 200 | 1 335 679 | 13,445 paġna |
| 1014 | Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) | p.m. | p.m. | 8 368 | |
| 1015 | Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) | 224 200 | 330 300 | 163 112 | 2,444 paġna |
| 1016 | Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja | 167 800 | 167 800 | 222 104 | 2,046 paġna |
| 1017 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) | 133 900 | 115 600 | 59 997 | 1,547 paġna |

| Titolu Kapitulu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal-baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|----------------------------------|---|-----------------------------------|-------------------------|------------------|--|
| 1018 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) | 200 000 | 665 100 | 995 599 | 2,710 paġni |
| 1019 | Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA) | 455 300 | 419 300 | 559 356 | Dokumenti: 5,113-il paġna. L-ammont jinkludi d-dħul għall-ospitalità u servizzi oħra fil-qasam tas-servizzi tal-kontinwità tan-negozju u d-data. |
| 101 | Artikolu 101 | 2 386 700 | 2 850 300 | 3 401 878 | |
| 1020 | Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infommazzjoni (ENISA) | 65 200 | 65 200 | 28 839 | 796 paġna |
| 1021 | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) | 75 300 | 44 800 | 103 634 | 909 paġni |
| 1022 | Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruniteri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) | 343 600 | 343 600 | 189 492 | 4,190 paġna |
| 1023 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) | 720 700 | 658 600 | 430 704 | 8,879 paġna |
| 1024 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) | 13 600 | 13 600 | 14 572 | 166 paġna |
| 1025 | Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) | 102 500 | 102 500 | 34 024 | 1,250 paġna |
| 1026 | Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (Chafea) | 263 300 | 39 800 | 84 661 | 2,550 paġna |
| 1027 | Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) | 22 600 | 24 500 | 3 678 | 276 paġna |
| 1028 | Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) | 4 700 | 4 700 | 13 225 | 57 paġna |
| 1029 | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) | 1 839 500 | 1 801 900 | 2 872 104 | 19,470 paġna |
| 102 | Artikolu 102 | 3 451 000 | 3 099 200 | 3 774 933 | |
| 1030 | Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) | 99 700 | 93 400 | 157 311 | 1,179 paġna |
| 1031 | Fużjoni għall-Enerġija (F4E) | 46 600 | 46 600 | 38 045 | 568 paġna |
| 1032 | Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) | p.m. | p.m. | | |

| Titolu Kapitulu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal-baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|----------------------------------|---|-----------------------------------|-------------------------|------------|---|
| 1033 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks (INEA) | 26 000 | 26 000 | 61 224 | 317-il paġna |
| 1034 | Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) | 40 000 | 32 600 | 29 826 | 488 paġna |
| 1035 | Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA) | 16 200 | 34 000 | 8 177 | 172 paġna |
| 1036 | Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA) | 26 100 | 7 500 | 9 422 | 318-il paġna |
| 1037 | Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU) | 35 800 | 46 200 | 12 540 | 437 paġna |
| 1038 | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) | 106 400 | 106 400 | 200 112 | 1,298 paġna |
| 1039 | Impriża Konġunta SESAR (SJU) | 29 700 | 28 600 | 17 848 | 362 paġna |
| 103 | Artikolu 103 | 426 500 | 421 300 | 534 504 | |
| 1040 | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) | 684 500 | 684 500 | 608 809 | 9,228 paġna |
| 1041 | Impriża Konġunta għall-Implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta f'Sistemi tal-Kompiuter Inkorporat (ARTEMIS) | — | — | 18 978 | Din il-partita tal-baġit mhix se tintuża mill-2015 'il quddiem, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha, id-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052. |
| 1042 | Inizjattiva ta' Impriża Konġunta għal Medicieni Innovattivi (IMI) | 17 900 | 17 900 | 4 370 | 218-il paġna |
| 1043 | Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU) | 9 200 | 9 300 | 3 950 | 112-il paġna |
| 1044 | L-Inizjattiva Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew tan-Nanoelettronika (ENIAC JU) | — | — | | Din il-partita tal-baġit mhix se tintuża mill-2015 'il quddiem, wara l-ħolqien tal-impriża konġunta ECSEL JU, li għaliha, id-dħul qed jiġi rreġistrat fil-partita tal-baġit 1052. |
| 1045 | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) | 418 200 | 418 200 | 1 085 014 | 5,100 paġna |
| 1046 | Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) | 61 100 | 120 900 | 26 920 | 904 paġna |
| 1047 | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) | 1 108 900 | 1 108 900 | 336 658 | 13,316-il paġna |
| 1048 | Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) | 310 600 | 310 600 | 574 688 | 3,788 paġna |

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal- baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|---|---|--|----------------------------|-------------------|--|
| 1049 | Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) | 457 700 | 457 700 | 84 702 | 5,582 paġna |
| 104 | Artikolu 104 | 3 068 100 | 3 128 000 | 2 744 088 | |
| 1050 | Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) | 31 600 | 220 500 | 38 025 | 552 paġna |
| 1051 | L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi kbar tat-IT fuq skala kbira fl-isparzu ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) | 358 600 | 465 600 | 297 090 | 4,620 paġna |
| 1052 | Impriża Konġunta ta' Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU) | 5 700 | — | | Dokumenti: 69 paġna. Din il-partita tal-baġit tissostitwixxi l-partiti għall-impriżi konġunti ARTEMIS u ENIAC. |
| 1053 | Ċentru Marittimu ta' Analiżi u Operazzjoni (Narkotiċi) (MAOC (N)) | p.m. | p.m. | | |
| 1054 | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) | p.m. | p.m. | | Din il-partita tal-baġit inħolqot fl-ewwel baġit ta' emenda 2015. |
| 105 | Artikolu 105 | 395 900 | 686 100 | 335 115 | |
| 10 | HLASIJET MILL-AĠENZJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI | 41 247 800 | 39 930 700 | 43 891 433 | L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003. |
| 1 | HLASIJET MILL-AĠENZJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI | 41 247 800 | 39 930 700 | 43 891 433 | |
| 2000 | Sussidju mill-Kummissjoni | p.m. | p.m. | | |
| 200 | Sussidju mill-Kummissjoni | p.m. | p.m. | | L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003. |
| 20 | SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI | p.m. | p.m. | | |
| 2 | SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI | p.m. | p.m. | | |

| Titolu Kapitulu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal-baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|----------------------------------|--|-----------------------------------|-------------------------|------------------|--|
| 3000 | Kummissjoni Ewropea | 4 000 000 | 1 175 200 | 1 529 937 | Dokumenti: 77,740 paġna; Listi ta' termini: 20 000 terminu. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-volum stmat għal proġett għad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi, il-proġett ODR. |
| 3001 | Parteċipazzjoni fil-Komitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (CITI) | p.m. | p.m. | 0 | |
| 3002 | Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali | 838 200 | 741 600 | 664 154 | |
| 3003 | Parlament Ewropew | p.m. | p.m. | 0 | |
| 3004 | Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 260 000 | 288 200 | 133 800 | 3,650 paġna |
| 3005 | Qorti Ewropea tal-Awdituri | p.m. | 28 000 | 11 614 | |
| 3006 | Komitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea | p.m. | p.m. | 0 | |
| 3007 | Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | p.m. | p.m. | 0 | |
| 3008 | Qorti tal-Ġustizzja | p.m. | p.m. | 98 698 | |
| 300 | Kooperazzjoni interistituzzjonali | 5 098 200 | 2 233 000 | 2 438 202 | |
| 3010 | Bank Ċentrali Ewropew | 683 600 | 683 600 | 168 234 | 8,300 paġna |
| 3011 | Ombudsman Ewropew | 277 800 | 203 700 | 303 467 | 3,675 paġna |
| 301 | Artikolu 301 | 961 400 | 887 300 | 471 701 | |
| 30 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI | 6 059 600 | 3 120 300 | 2 909 903 | L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003. |
| 3 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI | 6 059 600 | 3 120 300 | 2 909 903 | |
| 4000 | Imgħax bankarju | 80 000 | 100 000 | 141 788 | |
| 400 | Imgħax bankarju | 80 000 | 100 000 | 141 788 | Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru se jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu. |

| Titolu Kapitulu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal-baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|----------------------------------|--|-----------------------------------|-------------------------|----------------|--|
| 4010 | Rimborżi varji | p.m. | p.m. | 92 349 | |
| 401 | Rimborżi varji | p.m. | p.m. | 92 349 | Dan l-artikolu jkopri rimborżi varji. |
| 4020 | Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu | 243 250 | 243 250 | 0 | Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tal-ħlasijiet ta' kiri annwali taċ-Ċentru. |
| 402 | Kontribuzzjonijiet oħra | 243 250 | 243 250 | 0 | |
| 40 | DĦUL IEĦOR | 323 250 | 343 250 | 234 137 | |
| 4 | DĦUL IEĦOR | 323 250 | 343 250 | 234 137 | |
| 5000 | Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti | p.m. | p.m. | 0 | Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014. |
| 500 | Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti | p.m. | p.m. | 0 | |
| 5010 | Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' | 709 000 | 809 000 | 0 | Dan it-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm CDT elettroniku'. |
| 5015 | Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' | 4 560 150 | 7 682 250 | 0 | It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' huwa meħtieġ minħabba d-deċiżjoni taċ-Ċentru li jżomm il-prezzijiet mill-2015, li xi wħud minnhom kienu tnaqqsu meta mqabbla mal-2014 u ħafna aktar meta mqabbla mal-2013. |
| 5016 | Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni' | p.m. | p.m. | 0 | Il-'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni', maħluq biex ikopri l-ispejjeż relatati mar-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013, intuża fl-2013. |
| 5017 | Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għaż-żieda kkontestata fis-salarji' | p.m. | p.m. | 0 | Din il-partita tal-baġit inħolqot fl-ewwel baġit ta' emenda 2014 biex tinkludi t-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għaż-żieda kkontestata fis-salarji' fl-2014, b'hekk jiġi kkanċellat il-fond ta' riżerva. |
| 501 | Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti | 5 269 150 | 8 491 250 | 0 | |
| 50 | EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI | 5 269 150 | 8 491 250 | 0 | |

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal- baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|---|--|--|----------------------------|-------------------|--|
| 5 | EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI | 5 269 150 | 8 491 250 | 0 | |
| 6000 | Rifużjonijiet lill-kljenti | p.m. | -2 300 000 | 0 | |
| 600 | Rifużjonijiet lill-kljenti | p.m. | -2 300 000 | 0 | |
| 60 | RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI | p.m. | -2 300 000 | 0 | |
| 6 | RIFUŻJONIJIET | p.m. | -2 300 000 | 0 | |
| Dħul totali | | 52 899 800 | 49 585 500 | 47 035 473 | |
| SPEJJEŻ | | | | | |
| 1100 | Salarji bażiċi | 14 344 200 | 14 053 500 | 13 335 176 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi ta' uffiċjali u ta' persunal temporanju. |
| 1101 | Benefiċċji għall-familja | 1 502 700 | 1 434 700 | 1 297 847 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju. |
| 1102 | Konċessjonijiet ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija | 2 262 400 | 2 211 600 | 2 147 127 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju. |
| 1103 | Konċessjonijiet segretarjali | 20 000 | 20 400 | 20 413 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjoni segretarjali mħallsa lil uffiċjali u lil persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografici jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożitur tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha qabel l-1 ta' Mejju 2004. |
| 110 | Persunal f'impjeg attiv | 18 129 300 | 17 720 200 | 16 800 563 | |

| Titolu Kapitulu Artikolu Partita | Intestatura | Abbozz preliminari tal-baġit 2016 | Baġit ta' emenda 1/2015 | Eżitu 2014 | Rimarki |
|----------------------------------|---|-----------------------------------|-------------------------|------------|--|
| 1113 | Apprendisti | 27 200 | 13 000 | 19 100 | Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri nfiq relatat ma' apprendisti. |
| 1115 | Persunal kuntrattwali | 1 738 100 | 1 141 200 | 1 206 574 | Il-Kondizzjonijiet tal-impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t- <i>Titolu IV</i> tagħhom. Iż-żieda fl-2016 hija minħabba l- <i>ħtieġa</i> li jiġi rekrutat persunal kuntrattwali għal proġett tad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi. |
| 111 | Persunal awżiljarju u persunal lokali | 1 765 300 | 1 154 200 | 1 225 674 | |
| 1120 | Taħriġ professjonali tal-persunal | 231 500 | 184 800 | 144 583 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom. |
| 112 | Taħriġ professjonali tal-persunal | 231 500 | 184 800 | 144 583 | |
| 1130 | Assigurazzjoni kontra l-mard | 502 100 | 494 100 | 480 547 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni kontra l-mard għal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. |
| 1131 | Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol | 110 500 | 108 700 | 70 698 | Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol. |
| 1132 | Assigurazzjoni kontra l-qgħad | 114 900 | 116 800 | 110 437 | Il-Kondizzjonijiet tal-impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex persunal temporanju jiġi assigurat kontra l-qgħad. |
| 1133 | Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet għal pensjoni | p.m. | p.m. | 0 | Il-Kondizzjonijiet tal-impieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l- <i>ħlasijiet</i> miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju biex jiġu kostitwiti jew jinżammu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. |
